PLURIBUS PARENS

Minuti tal-għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 03 ta' Frar 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Proposti ta' rotot ġodda tat-Trasport Pubbliku, minn u għal Gudja.

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Proposti ta' rotot ġodda tat-Trasport Pubbliku, minn u għal Gudja</u>.**

1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega l-urġenza dwar din il-laqgħa peress li ħafna residenti tal-Gudja bdew jagħmlu ħafna mistoqsijiet dwar kif sejrin jintlaqtu bil-bidla tar-rotot tat-Trasport Pubbliku.

1.2 Is-Sindku spjega li sa żmien ilu l-Kunsill kellu ħafna rappreżentazzjonijiet kemm mad-diriġenti ta' Trasport Malta kif ukoll fuq livell ministerjali dwar kif ikun hemm titjib speċjalment li ġewwa il-Gudja terġa' tidħol ir-rotta l-antika bin-numru 8 li tkun frekwenti u li twassal mill-Gudja għal Belt Valletta iżda tgħaddi minn Raħal Ġdid (Paola) li għan-nies tal-Gudja huwa ċentru ta' servizzi u ħtieġa.

1.3 Saret diskussjoni estensiva fejn dawk kollha preżenti esprimew kif ir-rotta proposta bin-nurmu 88 li allura sejra tidħol preċiżmanet flok ir-rotta l-antika tax-xarabank bin-numru 08, tista' tiġi amendatat b'mod li tkun aktar effiċjenti u effettiva.

1.4 Wara din id-diskussjoni il-Kunsill qabel u iddeċieda li jikteb lill-Ministru tat-Trasport l-Onor Joe Mizzi, kopja lic-Chairman u CEO tat-Trasport Malta James Piscopo kif jihder hawn taħt.

1.5 Il-proposti tal-Kunsill huma dawn:-

a. Ir-rotta kif qed nipproponu hija li bħala venda tkun l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (li jinsab fil-limiti tal-Gudja).

b. Ir-rotta 88 mill-Belt Valletta għall-Gudja. Mill-Gudja tibqa' sejra għal Triq tal-Barrani minn Triq Ħal Tarxien il-Gudja u qed nagħtu dettal kif ġej:-

   Mill-Belt Valletta għall-Gudja:- Valletta, Floriana, Marsa, Paola, Tarxien, tidħol minn Tal-Barrani (ħdejn il-Gondolier) għal Triq Ħal Tarxien, tgħaddi biswit il-Housing Estate tal-Mithna, tibqa' sejra għall-inħawi tax-Xlejli, idur u tidħol minn Triq Raymond Caruana, tibqa sejra għal Pjazza tal-Knisja, titla' minn Triq William Baker, tmur għal Triq Birmiftuħ, tipproċedi għal Dawret il-Gudja u tibqa' sejra għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (venda).

Mill-Gudja għall-Belt Valletta:- Titlaq mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (venda), għal Dawret il-Gudja, tidħol fl-inħawi tax-Xlejli, iddur u tmur Triq Raymond Caruana, tidħol fil-Pjazza tal-Knisja, tgħaddi minn Triq William Baker, tipproċedi għal Triq Birmiftuħ, toħroġ f'Dawret il-Gudja, tipproċedi għal Triq Ħal Tarxien (biswit il-Housing Estate tal-Mitħna), tinżel għal Triq tal-Barrani (fejn il-Gondolier), għal Ħal Tarxien, Paola, Marsa, Floriana u Valletta.

B'din il-ftit modifikazzjoni jidher li s-servizz ikun jista' jingħata aħjar.

c. Rotta 226 Gudja għal Mater Dei. Il-Kunsill jaqbel ma' din ir-rotta u għaldaqstant mhux qed jitlob (f'dan l-istadju) xi modifika.

**Għeluq tal-laqgħa**

Peress illi l-materja li għalijha ssejħet il-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.25pm sine die.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati:-